**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fl-24 ta' April 2019 — E. Sp. z o.o. Sp. k. z siedzibą w S. Vs Minister Finansów**

**(Kawża C-335/19)**

(2019/C 280/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* E. Sp. z o.o. Sp. k. z siedzibą w S.

*Konvenut:* Minister Finansów

**Domandi preliminari**

1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 90(2) tagħha, tawtorizza, fid-dawl tal-prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' proporzjonalità, l-introduzzjoni, fid-dritt nazzjonali, ta' dispożizzjonijiet li jillimitaw il-possibbiltà li l-ammont taxxabbli jitnaqqas fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas parzjali jew totali, skont l-istatus fiskali partikolari tad-debitur u tal-kreditur?

2) B'mod iktar partikolari, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-istabbiliment, fid-dritt nazzjonali, ta' regoli li jippermettu "tnaqqis għal djun irrekuperabbli" sakemm, fid-data tal-eżekuzzjoni tal-provvista ta' servizzi jew tal-kunsinna ta' oġġetti, kif ukoll fil-jum li jippreċedi l-jum li fih tiġi ppreżentata r-regolarizzazzjoni tad-dikjarazzjoni fiskali intiża sabiex jittieħed benefiċċju mill-imsemmi tnaqqis:

— id-debitur ma jkunx suġġett għal proċedura ta' insolvenza jew ta' stralċ?

— il-kreditur u d-debitur ikunu rreġistrati bħala persuni suġġetti għall-VAT?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifka fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

**Appell ippreżentat fit-30 ta' April 2019 minn Fabio De Masi u Yanis Varoufakis mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-12 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-798/17, Fabio De Masi, Yanis Varoufakis vs Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**

**(Kawża C-342/19 P)**

(2019/C 280/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Fabio De Masi, Yanis Varoufakis (rappreżentant: Professur Dr. A. Fischer-Lescano, professur fl-Università)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Marzu 2019 kollha kemm hi u tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza;

2. tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 184, moqri flimkien mal-Artikoli 137 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Fl-ewwel istanza, l-appellanti talbu l-annullament, taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, tad-deċiżjoni tal-BĊE tas-16 ta' Ottubru 2017, li permezz tagħha huwa rrifjutalhom l-aċċess għad-dokument tat-23 ta' April 2015 intitolat "Risposti għal domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14.4 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE".

L-appellanti jippreżentaw erba' aggravji insostenn tal-ewwel kap ta' talbiet tagħhom:

1. Ksur tal-istabbiliment fid-dritt primarju tal-prinċipju ta' trasparenza fl-Artikolu 15(1) TFUE, fl-Artikolu 10(3) TUE u fl-Artikolu 298(1) TFUE, kif ukoll fl-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Is-sentenza appellata tinjora l-fatt li l-portata tad-dritt għal trasparenza ma tirriżultax biss mid-dritt sekondarju, iżda li, fir-rigward tad-dritt għal trasparenza, dan id-dritt sekondarju għandu jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt primarju. Il-Qorti Ġenerali tnaqqas b'dan il-mod il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-dritt għal trasparenza bi ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt.

2. Ksur tal-importanza tal-obbligu ta' motivazzjoni u tar-rekwiżiti tal-obbligu ta' motivazzjoni żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tinjora l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata tal-BĊE bl-ebda mod ma tindika kif l-iżvelar konkretament jippreġudika lill-BĊE.

3. Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tar-rabta bejn l-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258/KE [1] (eċċezzjoni mill-prinċipju ta' trasparenza: teħid ta' pożizzjoni intiżi għall-użu intern) u l-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni (eċċezzjoni mill-prinċipju ta' trasparenza: pariri legali). Il-Qorti Ġenerali tinjora l-fatt li l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 jikkostitwixxi *lex specialis* fir-rigward tat-teħid ta' pożizzjonijiet legali, u li l-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 ma huwiex applikabbli għal parir legali astratt.

4. Is-sentenza appellata tiċħad globalment b'mod żbaljat l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument fis-sens tal-Artikolu 4(3) tad-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq.

Il-kundanna għall-ispejjeż hija mitluba taħt id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 184 u tal-Artikoli 137 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

---

(1) Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2004/3) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51).